*13 ta' Ottubru, 1998*

**Imħallfin:-**

***S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President***
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

David Curmi *noe*

*versus*

Martin Vella

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*L-assikuratur issurrogat aġixxa biex jirkupra danni sofferti minn assikurata tiegħu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sens illi għall-inċident kienet taħti unikament l-assikurata ta' l-attur.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1995, fil-kawża bl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* ppremetta:

"Illi s-soċjetà attriċi ħarġet polza ta' assikurazzjoni *fully comprehensive* favur l-assikurata tagħha Angela Tabone;

Illi l-assikurata kienet involuta f'inċidnet awtomobilistiku mal-konvenut fis-7 ta' Mejju, 1993 li ġara fis-Swieqi lejn Triq Reġjonali fid-direzzjoni ta' San Ġiljan kif jirriżulta mill-anness *statement* dokument B u soffriet id-danni fil-vettura;

Illi l-attur *nomine* ħallas lill-assikurata tiegħu għad-danni sofferti u ġie ssurrogat fid-drittijiet tagħha kif jirriżulta mill-annessi dokumenti C sa O;

Illi għall-inċident jaħti unikament il-konvenut;

Illi l-konvenut ġie unikament interpellat jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara illi għall-inċident awtomobilistiku meritu ta' din il-kawża jaħti unikament il-konvenut;

Tillikwida d-danni minnu kkawżati;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati;

Bl-imgħax min-notifika ta' din iċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"Illi fl-ewwel lok it-talbiet attriċi huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li għall-inċident *de quo* kienet unikament responsabbli l-istess assigurata Angela Tabone;

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, isegwi li ma hemmx danni x'jiġu likwidati fil-konfront ta' l-eċċipjenti u għalhekk it-tieni talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba għandha ukoll tiġi respinta bl-ispejjeż stante li ma hemmx danni li għalihom għandu jiġi kkundannat li jagħmel fronti l-istess eċċipjent;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet *it-trattazzjoni;*

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju, 1995, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Il-kawża tirrigwarda r-responsabbilità għall-inċident stradali li ġara fis-Swieqi/San Ġiljan bejn karozza misjuqa mill-assigurata tad-ditta assiguratriċi attriċi Angela Tabone u karozza oħra misjuqa mill-konvenut. Iż-żewġ vetturi kienu qed jiġu misjuqa minn Triq Santu Wistin, herġin min-naħa ta' *Paceville bil-ħsieb li joħorġu għal fuq Triq Reġjonali kif fil-fatt* għamlu;

Is-Surġent tal-Pulizija li nvestiga l-każ hekk irreġistra fl-okkorrenza dak li rriżultalu fuq il-post ta' l-inċident u li qalulu s-sewwieqa;

"Martin Vella (il-konvenut) qal li huwa kien tiela' minn Triq Santu Wistin, waqaf fil-kantuniera u beda jsuq lejn San Ġiljan, meta karozza numru G-2938 (misjuqa minn Tabone) ġiet mill-ġenb u ħabtet miegħu. Huwa ma kellux *indicator* mixgħul;

*Angela Tabone qalet li hija kienet wara karozza* numru D-4817 (misjuqa mill-konvenut) u ħasbet li ser iddur lejn Triq

Reġjonali (allura lejn il-lemin) iżda beda jdur lejn San Ġiljan, bla ebda sinjal, "ħbatna u bqajt dieħla fil-ħajt"";

Il-provi dwar ir-responsabbilità fil-proċess huma limitati għax-xhieda mogħtija miż-żewġ sewwieqa li sostanzjalment jikkonfermaw dak li ġie rreġistrat fl-okkorrenza u x-xhieda tas-Surġent li ma żżid xejn ta' sustanza ma' dak. Minn eżami ta' dawn il-provi l-Qorti waslet għall-konvinċiment illi l-attur *nomine* ma rnexxilux jipprova illi l-konvenut kien jaħti għas-*sinistru. Għal kuntrarju l-provi jwasslu se mai għall-konklużjoni* li kienet l-assigurata tiegħu li bis-sewqan ażżardat tagħha pprovokat l-inċident. Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Iż-żewġ sewwieqa kienu ħerġin minn Triq Santu Wistin u kienu qed jiġu misjuqa fl-istess direzzjoni u ċjoè għal fuq Triq Reġjonali. Hu ppruvat - anke mill-ammissjoni ta' l-assigurata tad-ditta attriċi - illi l-konvenut kien il-ħin kollu qed isuq quddiem;

Vettura li toħroġ mnejn ħarġu *ż-żewġ* vetturi tista' jew tikser lejn ix-xellug ċjoè lejn San Ġiljan jew lejn il-lemin ċjoè lejn Triq Reġjonali fid-direzzjoni tal-mina li tagħti lejn l-Imsida. Dana appena taqbeż il-ħajt li qabel kien jagħlaq il-*proprjetà tat-Telemalta;*

Una volta hu ppruvat illi l-konvenut kien dejjem quddiem l-assigurata tad-ditta attriċi, hi din li allura kellha tassigura ruħha mill-intenzjonijiet tal-vettura ta' quddiemha. Hi mhux biss kellha d-dover li żżomm *a safe distance* wara dik il-karozza imma ukoll li ma tażżardax tissorpassa lil dik il-vettura qabel tkun aċċertat ruħha mill-intenzjonijiet tagħha. Ċertament taħt l-ebda ċirkostanza ma kellha tipprova tissorpassaha kif għamlet minn fuq in-naħa ta' ġewwa sempliċement għaliex "ħasbet li l-

vettura quddiemha kienet ser tikser lejn il-lemin";

Il-konvenut jaċċetta li ma għamilx *indicator* u dana anke mas-Surġent tal-Pulizija. Mhux bla ġustifikazzjoni jsostni li hu kien għadu f'dak il-mument ta' attentat sorpass qed isuq fid-dritt u li kien qed isuq fin-*natural flow* tat-traffiku. Forsi kien ukoll għaqli li minn qabel jagħmel l-*indicator* biex juri x'kienet l-intenzjoni tiegħu. Però, l-assigurata tad-ditta attriċi ma tista' *tieħu l-ebda konfort jew vantaġġ minn din iċ-ċirkostanza*. Jekk xejn dan il-fatt ikompli jaggrava r-responsabbbilità tagħha in kwantu hi ttantat taqla' lill-vettura quddiemha min-naħa ta' ġewwa meta hi ma setgħetx tkun taf b'ċertezza x'kien bi ħsiebha tagħmel. Żgur li ma setgħetx tassumi li dik il-vettura kienet ser tikser lejn il-lemin sempliċement għax dehrilha li dik il-karozza ta' quddiemha l-ewwel kienet qed tiġbed lejn il-lemin u mbagħad daret lejn ix-xellug. Manuvra din li l-konvenut jikkontesta. Żgur l-assigurata tad-ditta attriċi ma setgħetx tagħmel dan l-apprezzament preċiż ta' l-intenzjonijiet tal-konvenut fid-distanza ravviċinata li kienet qed iżżomm mill-vettura tiegħu. "Mistoqsija kemm distanza żammejt mill-karozza ta' quddiemi ngħid li ħallejt distanza li normalment wieħed iħalli - xi metru u nofs". Din id-distanza li l-assigurata ta' l-attur *nomine* tqis li hi *safe distance*. Mhux ta' b'xejn ġara l-inċident;

Il-Qorti tikkonkludi għalhekk li l-attur *nomine* ma ppruvax il-ħtija tal-konvenut għall-inċident meritu tal-kawża;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż kontra tiegħu";

Mill-istess sentenza appellati s-soċjetà attriċi permezz ta' rikors ta' l-appell li permezz tiegħu talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet

kollha attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Ġiet ippreżentata risposta mill-konvenut appellat li permezz tagħha huwa ta r-raġunijiet tiegħu għala l-appell għandu jiġi respint u s-sentenza tal-prim'istanza tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Ikkunsidrat:

Brevement l-ilment tas-soċjetà attriċi appellanti huwa fissens li ġej:

Skond l-appellanti, l-Ewwel Onorabbli Qorti messha tat aktar importanza lill-fatt li l-konvenut m'għamilx *indicator* meta ġie biex ibiddel id-direzzjoni tas-sewqan tiegħu. Ġaladarba l-appellat m'għamilx *indicator*, bilfors li l-assikurata ta' l-appellanti kellha tinsinwa dak li kellu f'moħħu l-appellat. Meta dan ta' l-aħħar biddel fehmtu meta b'għmilu kien wera li kien se jieħu triq oħra, l-assikurata ta' l-appellanti sabitu ma' wiċċha. Kien għalhekk li baqgħet dieħla ġol-ħajt biex tevita li tidħol ġo fih;

L-appellanti jissottomettu li l-Ewwel Onorabbli Qorti messha kkunsidrat ix-xhieda ta' l-assikurata meta din qalet li "wara l-inċident jien kont tkellimt mas-sewwieq tat-Triumph u kien ammetta miegħi anke quddiem ħaddieħor, li kien bidel iddirezzjoni billi qabel ried imur lejn Triq Reġjonali u ddeċieda li jmur tas-Sliema. It-Triumph riedet tmur fl-istess direzzjoni fejn oriġinarjament ridt immur jien";

Skond l-appellant hi ma kinitx qed taqla', la minn barra u wisq anqas minn ġewwa meta ġara l-inċident. Hi kienet biss miexja wara l-appellat li f'daqqa waħda biddel ir-rotta tiegħu,

wara li kien diġà mexa lejn id-direzzjoni l-oħra. L-inċident ġara unikament tort tal-konvenut, fil-fehma ta' l-appellanti;

Finalment, l-appellanti jissottomettu li d-distanza ta' metru u nofs li ħalliet l-assikurata tagħhom kien biżżejjed kieku l-appellat ma biddilx id-direzzjoni tas-sewqan tiegħu f'daqqa waħda;

Hu evidenti mill-ewwel li s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti in sostenn ta' l-appell tagħhom jikkonsistu f'punti li kollha ġew ittrattati eżawrijentement fis-sentenza appellata u li għalihom hemm spjegazzjoni kompleta fl-istess. Inoltre, mhumiex korretti s-sottomissjonijiet illi d-distanza ta' metru u nofs illi l-assikurata ta' l-appellant kienet qed iżżomm wara l-vettura tal-konvenut kien wieħed suffiċjenti kif lanqas mhi korretta s-sottomissjoni l-oħra li hi ma ppruvatx taqla min-naħa ta' ġewwa mmedjatament qabel ma saret il-ħabta;

Fir-rigward tal-fatt illi l-konvenut *ex admissis*, ma kellux *indicator* mixgħul, din il-Qorti m'għandhiex x'iżżid dak li osservat fir-rigward l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Infatti huwa evidenti mill-assjem tal-provi li ma tidhirx li hemm raġuni waħda suffiċjenti u soda biżżejjed biex din il-Qorti tiddiskosta ruħha mill-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Onorabbli Qorti għal dik li hija responsabbilità. Huwa evidenti li r-responsabbilità totali għall-inċident taqa' fuq l-assikurata tas-soċjetà assikuratriċi appellanti għall-istess raġunijiet imsemmijin fis-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellanti.